MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru 691/2006

**Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**David Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Spiteri 33 sena, bin Joseph u Yvonne nee Mifsud, imwieled Pieta fid-19 ta' Awwissu 1972 u residenti Flat 12, Block 11, Door B, Triq it-Tulipani, San Gwann, jew Flat 6, "L-Arkati", Sqaq il-Wied, Nru 1, B'Kara, ID card No 254072 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-15 ta’ Novembru 2005, ghall-habta tal-22.00 hrs f’B’Kara, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b’ghajjat u glied.

2. Ghamel lil Margarita Calleja ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

3. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ windscreen ta’ vettura numru ta’ Reg GAG 587 Ford Sierra, propjeta ta’ Emanuel Calleja, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50.

Il-Qorti setghet meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’ obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Lulju 2006 (esebit *a folio 18* tal-process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda argument li allegatament inqala’ bejn girien fil-15 ta’ Novembru 2005 f’Birkirkara. L-parti civili Margarita Calleja fil-fatt ghamlet rapport lil Pulizija li ragel li kien joqghod faccata taghha, izda li ma kinitx taf ismu, kien hareg fit-tieqa beda’ jghajjarha u jistedinha ghal glied u meta hija ratu gej lejha dahlet gewwa. Mir-rapport (esebit a fol. 21 sa 23 tal-process) u mix-xhieda ta’ WPS

621 (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 19 u 20 tal-process) li kienet il-persuna li hadet ir-rapport, jirrizulta li waqt li l-imsemmija Margarita Calleja kienet qed taghmel ir-rapport dahlet telefonata minghand l-imputat u l-partner tieghu Charmaine Sultana fejn dawn irrapurtaw li l-imsemmija Margarita Calleja kienet ingurjathom. Sussegwentement mar l-Ghassa Emanuel Calleja, ir-ragel ta' Margarita Calleja, li rraporta li l-imputat kien kissirlu l-windscreen tal-vettura tieghu liema vettura kienet parkeggjata barra l-garaxx tar-residenza tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza principali u l-aktar serja f'dan il-kaz hija t-tielet akkuza fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna hsara volontarja li teccedi l-Lm50 ghad-dannu ta' Emanuel Calleja, u cioe' r-reat kontemplat fl-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kif ukoll wara li semghat ix-xhieda tal-imputat jidrilha li jezisti kunflitt ta' provi lampanti in kwantu jirrigwarda din l-akkuza. L-unika xhud li jghid li ra lill-imputat jaghmel il-hsara fuq il-windscreen tal-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni GAG 587 huwa Emanuel Calleja li qal ukoll li l-hsara fil-vettura tieghu kienet tammonta ghal Lm103. L-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tad-19 ta Gunju 2009 innega li b'xi mod kien ikkaguna hsara fil-windscreen tal-vettura ta' Calleja. Stephen Schembri li huwa gar tal-parti civili u tal-imputat u li xehed fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2007 ikorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u spjega li huwa kien ra lill-imputat jitlewwem fit-triq ma' Margarita Calleja u huwa mar jikkalma lill-imputat u jghidlu sabiex ma jaghtix kaz ta' Calleja ghaliex din kienet taghmel hekk ma kulhadd izda l-imputat ma tax kasu u mar lejha u hija dahlet fil-garaxx tad-dar taghha u hu u l-imputat marru lejn djarhom. Dan ix-xhud qal ukoll li huwa fl-ebda hin ma ra xi windscreen ta' vettura imkisser. L-anqas Margarita Calleja, li wkoll xehdet fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2007, ma qalet li rat lill-imputat ikisser il-windscreen tal-vettura ta' zewgha. Il-Qorti jidrilha li ghandha taghti affidabilita' ghax-xhieda ta' Stephen Schembri li huwa xhud indipendenti u hija ghalhekk tal-

fehma li jezisti kunflitt dwar jekk effettivament l-imputat kissirx il-windscreen tal-vettura ta’ Emanuel Calleja liema kunflitt ghandu ovvjament jimmilita favur l-imputat. Irid inoltre jigi rilevat li ghalkemm Emanuel Calleja xehed li l-hsara kagunata fil-vettura tieghu kienet tammonta ghal Lm103 giet esebita stima (a fol. 34 tal-process) li tindika hsara li tammonta ghal Lm45. Irid jigi ulterjorment rilevat li din l-istima la tindika ghall-liema vettura qed tirreferi, la tindika il-propjetarju tal-vettura u l-anqas tindika l-isem tal-persuna li harigha u ghalhekk certament ma tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li din l-istima tirreferi ghall-vettura ta’ Emanuel Calleja u ghall-hsara li tifforma l-mertu tal-proceduri odjerni.

L-imputat qed jigi ghalhekk liberat mit-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat li huma ta’ natura kontravenzjonali l-Qorti jidrilha li jezisti kunflitt ta’ provi anki fir-rigward tat-tieni(2) akkuza u hija biss l-ewwel(1) akkuza, u cioe’ dik ta’ ksur ta’ buon ordni u paci pubblika, li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ammenda ta’ hamsin ewro (€50). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------